**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 430/2015 AL

AB
Vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 1987 fil-Knisja Parrokkjali ta' Marsaskala u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skont ic-certikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggorenni David u Roberta ahwa Apap.

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, rikors guramentat nru. 217/04 NC fl-ismijiet "Anthony Apap vs Emanuela Apap " hawn anness u mmarkat Dok. B.

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal oltre tnax il-sena u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju gja la darba ilhom separati ghal aktar minn 4 snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l–partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.

Illi l-intimata m'ghandha tircievi l-ebda manteniment arretrat minn zewgha stante li hija tahdem u ghalhekk xejn mhu dovut minn zewgha.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg;

Rat ir-risposta tal-intimata li giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li permezz taghha ippremettiet :

1. Tassew illi l-partijiet huma mifrudin minn xulxin u illi s-separazzjoni bejniethom giet pronunzjata b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet Anthony Apap vs Emanuela Apap (citaz. 217/04), u illi ma hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;
2. Madankollu ma huwiex minnu illi l-esponenti qeghda tircievi manteniment adegwat. Fis-sentenza fuq imsemmija l-Qorti iddisponiet hekk :
   "Illi rigward il-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta ghaliha, il-Qorti hi tal-fehma, li (1) tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ser tibqa' tabita fid-dar konjugali vita natural

> durante, u allura s-sehem tal-attur fl-istess fond ser jibqa indiviz ghal zmien twil, ukoll (2) tenut kont tal-fatt li l-konventua hija kapaci tahdem, tant li fil-mori tal-proceduri hija kienet tahdem ma oht l-attur il-hanut taghha, il-Qorti, rebus sic stantibus, mhux ser tikkomputa ebda manteniment lill-konvenuta ghaliha, filwaqt li tafferma d-dritt taghha li titlob manteniment minghand l-attur fil-kaz li din involontarjament u ghal ragunijiet li ma jkunux fil-kontroll taghha tisfa minghajr introjtu."

Ic-cirkostanzi llum inbidlu ghax l-esponenti minhabba ragunijiet li ma ghandhiex kontroll fuqhom ma ghadhiex tista' tahdem u ghalhekk sejra tiftah proceduri quddiem din l-Qorti ghar-revizjoni tal-provvediment dwar manteniment billi sehhew il-kondizzjonijiet imsemmija fis-silta fuq imsemmija tas-sentenza;

Ghalhekk f'dan l-istadju ma jistax jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Gunju 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur